MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Numru. 653/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Frank Sammut)**

**vs**

**Grazio Calleja**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Grazio Calleja detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 104468M.

Akkuzat talli fis-7 ta’ Lulju, 2014 u l-perjodu ta’ qabel din id-data fl-inhawi ta’ Marsaskala, b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda:

Ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ wires tad-dawl, kompressur, welding set u affarijiet ohra relatati max-xoghol tal-kostruzzjoni liema serq, li sar ghad-detriment ta’ Leone Camilleri minn Birzebugia, u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 2329.37.

Akkuzat ukoll talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil-proprjeta’, liema hsara saret ghad-detriment ta’ Leone Camilleri minn Birzebugia, u/jew persuni ohra liema hsara hija ta’ aktar minn 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa’ u sittin centezmu).

U finalment akkuzat talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 289, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati minn dawn il-Qrati ta’ Malta b’ sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 18 ta’ Dicembru, 2014 fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

- F
  l-Artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- F
  l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- F
  l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- F
  l-artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-7 ta’ Mejju, 2015, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-7 ta’ Mejju, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss

wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-aktar piena idoneja tkun piena karcerarja effettiva kif ukoll il-fatt li t-tieni mputazzjoni hija mezz ghall-fini tal-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju Ghall-Gudizzju u senjatament l-Artikoli 261(c), 267, 279(b), 325(1)(a), 49, 50, 289, 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tminn (8) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------